**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Konate Issa**

**Illum 15 ta' Jannar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Konate Issa** detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AT4765725 billi huwa akkuzat talli:

Fl-14 ta' Jannar 2017 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'dokumenti jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokumenti li hu kien jaf li ġew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom, u cioe kellu fil-pussess tieghu passaport Taljan falz bin-numru 55260 (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi, gewwa l-Ajruport Internazzjonlai ta' Malta (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri  u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija li tkun sospiza u minhabba li l-imputat ghandu l-permesso di soggiorno fl-Italja jhalli dawn il-gzejjer fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mill-ghoti ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, Artikolu 189 tal-Kap 9 u Artikolu 32(1d) tal-Kap 217, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena prigunerija ghal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabbiltà taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**